# Maltese History

## Malta in the 19th Century

1800-1813: Malta was for some time Independent until the Maltese democratically decided to ask for British help throughout the French Blockade.

1813: Declaration of Rights; Testa Ferata presented that Malta had to choose its King. It stated that Malta was to return to the Knights ( As said in the Treaty of Amiens) , but only as a neutral country which thus cannot be used as a naval base during war. In this Document the Maltese leaders put forward 2 principles:

A. *To become Under British Protectorate ( due to economy)*
B. *Britain should protect and respect the Roman Catholic Church:* The ruler must not interfere in the Maltese Catholic Church.

1813: The British came to Malta, since Malta was given legally to them by the Treaty of Paris.

The Maltese wanted the British as their Protectorate because:

A. *Traditionally foreign rulers brought constant economy: navies and building*
B. *Trading by mean of the naval system*
C. *They contained a fair governmental system*

Throughout this period, the Maltese were given constitutions that either improved or worsened the situation in Malta. We were at times given good constitutions because :

- ✓ At times better constitutions were introduced in order to lessen agitation from the Maltese.
- × At times the British held back as they wanted to use Malta as a fortress.

We were given bad constitutions because they wanted to retain such things:

- × Continue with the British lake.
- × Malta served as a utility for the British, since it offered a naval base due to its strategic position.
- × Was an entrepot centre for British Mediterranean trade.
- × Excellent harbors.
- × The Grand harbor possessed a small but complete shipyard.

Constitutions determined the amount of power given to the Maltese regarding the governorship of the island. Without a constitutional history, the Maltese Independence may have not be obtained. Despite the connection of Democracy and Independence with Maltese history***, constitutional history is a history of Nationalism and no a democratic or constitutional one. Constitutionalism become a nationalistic issue and not a democratic one.***

Power at this time was divided into 3 parts:

1. BRITISH : obtained automatic authority since they were the rulers
2. CHURCH: Highly influenced the rest of the Maltese by the use of religion ( Roman Catholic). ( Homogenous)
3. POLITICIANS: Hard work was required for power. They were responsible for the introduction of certain c constitutions. Politicians were not Homogenous and thus they put forward different ideas. However they managed to form the " Partito Nazionalista" which represented the whole nation.
4. MALTESE: They were not homogenous, and constitutions were given only when some made a step forward to try to acquire a better constitution.

<u>Maltese Colony</u>

Malta was a very strange colony as it contained the British governor had two significant roles;

- Governor to Govern vs Naval Base

Such situation made it hard for Malta to became a democratic place and mostly Independent:

1. It was a British Colony
2. Malta was used as a military and naval Base.
3. Malta was used as a fortress " We hold Malta not as a Colony but as a Fortress"

<u>Developments in Malta</u>

Throughout such period one can observe constitutional and Democratic Development. Despite the difference between each aspect, Maltese Independence was obtained as from it acknowledged the significance of both.

*CONSTITUTIONAL DEVELOPMENT*: The type and frequency of Constitutions given by the ruler that either alter the power of the inhabitants by means of new laws or increase it by taken these away.

DEMOCRATIC DEVELOPMENT: Democracy means that the government is run by the people. This procedure outlines that those who control the government are elected by the people and are responsible for the actions of the people. Here there is no privileged class and thus practice equality, liberty, freedom ..

- Extending Franchise : The British tried to introduce democracy, in the sense that they try to extend the Franchise by eliminating the education malicfisation, however only few showd up and those who did voted for the same candidate.
- Electoral Divisions: They ought to create a geographical balance by breaking into 7 electoral divisions.
  Mizzi disagreed " why are we trying to create disunity when we have obtained elctoral unity"
  He was thinking about nationalism
  Strickland agreed " a measure of democracy".
  The British decides first to give them the 1887 constitution in order to make way for later division.

Democracy is one of the features that have saved our country because Malta managed to became a modern democratic state and thus a civil society. Maltese society started being not made of classes but of groups.

At first, most of the Maltese looked towards constitutions as they feared changed that may bring about Democracy. Some Maltese believed that their economy depended on foreign rulers, such as the British who offered the Maltese a

significant amount of jobs on the navies, building.. However some Maltese politicians started aiming towards democracy as it offered freedom and was more valuable than any constitution.

*NATIONALISM:* Maltese were influenced of the wave of nationalism across Europe. Many were those who urged to break free from the British Empire, but it wasn't till the last of the 19th century that the Maltese looked for Self – Determination ( Independence) and not just equality. The wave of nationalism in Malta can be considered both a Mediterranean and a non Mediterranean, as it is on the edge of Europe and also partly part of the Afro Asian World.

The British in Malta

- ECONOMY
    1. In the 1st 40years economy was very low in Malta.
    2. Dockyard employed people according to the ships need of repair at war time. The 1st proper investment for an effective base in Malta was in 1840 during the Mehmed Ali crisis.
    3. Enemy torpedo attacks and from winds.
- UTILITY OF MALTA
  *Malta served as a headquarters of the naval base.*
    1. *Continental System( 1806):* France declared that all European ports closed to British commerce. Malta became one of the main bases from where British goods could be smuggled to the European mainland.
    2. Crimean War (1853-56): Supported the Turks against the Russians in the Crimea. Wounded British soldiers returned from the Crimea and were hospitalized in Malta and warships were repaired at the naval dockyard.
    3. Opening of the Suez Canal (1869): Malta placed upon the major British imperial seaway, the Mediterranean route to India. As a result the naval dockyard underwent a major development programme , the harbours were improved and barracks and military hospitals were erected. The number of ships stopping here increased rapidly.
    4. Construction of the Break water ( 1903): This was intended to prevent

- DEVELOPMENTS
  *At first the British had been content to adapt the military installations left behind by the Knights to their needs. However by the 1840s Malta became a key position in Britain's extensive maritime Empire.*
    1. The creation of the 1st Dry Dock ( 1841) : The British re-arranged the Dockyard & later by 1871 they extended it forming the Somerset Dock.( largest dock of the Royal naval from that at Portsmouth) Later the naval dockyard consisted of one dock known as the Galley Greek & 4 French Greek.
    2. The dock were supported by extensive harbourside workshops and refit facilities.
    3. The Naval Bakery: (maritime museum) It increased the call for jobs.
    4. French Crisis: To the British opposition the French decided to invade Marocco. In response, the British ordered the fleet set in Malta to oppose such invasion by leaving to Marocco. Meanwhile the governor in Malta, feared an French attack as it now lacked defense. In order to combat such attack the naval & military army in Malta was boosted, leaving behind a lot of garrison towns were barracks were built.
    5. The Industrial Revolution: Made Malta a coaling station.

Constitutions in Malta during the British Era

- *1849 Constitution:* For the 1st time 8 Maltese were being elected & 10 ex-officio. However it was a limited suffrage. Le Manchan wrecked this constitution as he proposed that the official members were to vote en-Bloc against the 8 elected. Many times the voice of the elected was ignored, especially in taxing matters of the harbor of the French Greek.
- *Cardwell Principle:* It was a self-regulation in which the Maltese were able to practice their opinions. In fact the elected Maltese were to control money matters and the governor was not able to make any taxes without their consent .However, it was later ignored when the issue regarding the Drainage system in the harbor area arose. As the elective Maltese voted no to introduce taxes for the drainage system, the British believed that such attempt was a barrier against modernity. ( the Maltese were in reality trying to stop the British from taking money from the Maltese)
- *1887 Constitution:* Strickland and Mizzi manage to obtain a better constitution from the British and elected maltese were in majority.
-

<u>Commissioners in Malta</u>

- *1836 Commission:* -> Austen
  - ➔ *Lewis*

Came to Malta to study the matter if education and administration. They started to open primary schools, print books ( 1839), and said that Maltese were not yet ready for a consiglio popolare.

- *1879 Commission: -> Pen Rose Julian : general administration*
  - × *Criticized taxation*
  - × *English not yet important*
  - ➔ *Frances Rousel : system of taxation*
    - ✓ *Suggested free trade*
    - ✓ *Direct taxation ( pay according to your income) [nobles disagreed]*
    - ✓ *Bread & cereal tax must be removed*

*He suggested ways of modernazing the fiscal & make the gov. much fair with the islanders.However due to the limited franchise only some of the maltese were able to vote, and at that time the elected wanted no reform.*

- ➔ *Patrick Keenan: system of education [nobles disagreed]*
  - × *Lack of English in education*

Several suggestion may have created good relations with the British & Maltese however the suggestions regarding the Language question led to the language question.

- AnTi-rIfOrMisti ( agiannst english) ----- > gain popularity --- > Partito Nazzionale
- ➢ Considered themselves as the national party.
- ➢ The British tried to stop this party by extending the Franchise.

- *1888 Commission:* Malta is broken into 9 district and 1 in Gozo. Division will enchance democracy but creates elite representation( class represatation). Altough now not only merchants and land owners voted the other 4 elected were only elected by a particular class: clergy,merchant,owners..

STRICKLAND

  - Chief secratary ---- > secratary of government
- Modernazer
- Conservative when t comes to fiscal policies.
- reformer

<u>Qoutations</u>

- *To shown how Malta became a key position in Britains extensive maritime empire*: In 1845, British Military spending in Malta had reached 400,000 per annum and in 1856 it exceeded 800.000.
- Sir Thomas Maitland: “ King Tom” 1st Britih governor of Malta.
- Fortunato Mizzi to MgS.Pace who was the newly choosen Bishop who accepteD English to be thought in the seminary : “ Nostro Nemico”
- Sarah Austen: 1836 commision “ How is life bearable under these conditions” ( almsot all maltese were illiterate)

Constitutions: Maltese version

**STUDJU DWAR L-ASPIRAZZJONIJIET POLITIĊI TAL-MALTIN**

**Ħarsa lejn il-mixja kostituzzjonali ta' Malta fis-sekli 19 & 20**:

Bejn l-1835 u l-1964 il-Gvern Ingliż ta lill-Maltin disa' **KOSTITUZZJONIJIET** differenti, kull darba jibdel il-forma tal-Kunsill li kellu jmexxi l-gżejjer Maltin flimkien mal-Gvernatur Ingliż. Dawn il-Kunsilli mhux dejjem għoġbu lill-mexxejja Maltin. Il-moderati kienu jikkuntentaw bil-bidliet li kienu jagħmlu l-Ingliżi, l-estremisti kienu jitolbu iżjed setgħat. Hawnhekk se naraw kif kienu ffurmati dawn il-kunsilli u x'setgħat kellhom. Hekk inkunu nistgħu nqabbluhom ma' xulxin

| Data: Kostituzzjoni | Taqsim tal-Kunsill | | Total ta' membri fil-Kunsill |
|---|---|---|---|
| 1835 | 7 nominati | | 7 |
| 1849 | 10 nominati | 8 eletti | 18 |
| 1887 | 6 nominati | 14 eletti | 20 |
| 1903 | 9 nominati | 8 eletti | 17 |
| 1921 | - nil - | 32 eletti | 32 |
| 1947 | - nil - | 40 eletti | 40 |
| 1961 | - nil - | 50 eletti | 50 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1964 | - nil - | 55 eletti | 55 |

Ninnutaw li biex kostituzzjoni tissejjaħ **TAJBA** ikun meħtieġ li jkollha iktar membri ELETTI milli membri **NOMINATI**. Il-gvernatur kien jinnomina persuni ta' fiduċja tiegħu fil-Kunsill tal-Gvern, bir-riżultat li dawn x'aktarx kienu dejjem jivvutaw favur il-mozzjonijiet tiegħu.

## 1. Il-kostituzzjoni ta' l-1835:

l-ewwel sehem li l-Ingliżi taw lill-Maltin fit-tmexxija. Il-Kunsill tal-Gvern kien fih 7 membri magħżula mill-Gvernatur. Dan il-Kunsill seta' jagħtii biss pariri lill-Gvernatur u ma kienx magħżul b'elezzjoni.

## 2. Il-Kostituzzjoni ta' l-1849:

bidlet il-kunsill għal wieħed bi 18-il membru: 10 minn dawn kienu magħżula mill-Gvernatur, it-8 l-oħra kienu eletti minn numru żgħir ta' Maltin li kellhom id-dritt tal-vot. Il-Gvernatur kellu d-dritt tal-**veto** biex ma jħallix liġi tgħaddi fil-Kunsill.

## 3. Kostituzzjoni 1887: (ara ritratt tal-Kunsill)

bidlet il-Kunsill biex il-membri eletti saru 14 filwaqt li l-membri magħżula mill-Gvernatur niżlu għal 6. Iżda l-Gvernatur xorta seta' jgħaddi liġijiet kontra x-xewqa tal-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill. Dan il-Kunsill tneħħa fl-1903 minħabba l-inkwiet li kien hawn bejn il-membri eletti u l-Gvern Ingliż dwar il-Kwistjoni tal-Lingwa.

## 4. Kostituzzjoni 1903:

Din il-kostituzzjoni ħadet lil Malta lura għal dik ta' l-1849. Dan sar għaliex il-membri eletti reġgħu saru inqas mill-**membri uffiċċali** (jiġifieri tal-Gvern).

## 5. KOSTITUZZJONI 1921:

Din il-kostituzzjoni daħlet minflok dik ta' l-1903. Din il-Kostituzzjoni tat lil Malta għall-ewwel darba **GVERN RESPONSABBLI** li seta' jagħmel liġijiet fi ħwejjeġ lokali mingħajr l-indħil tal-Gvern Ingliż. Għall-ewwel darba Malta kellha PARLAMENT li kien jissejjaħ **KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI**. Kien hemm ukoll is-Senat li ried japprova l-liġijiet fil-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-Kap tal-Gvern Malti kien jissejjaħ **Prim Ministru** u kellu sitt (6) ministri oħra fil-**Kabinett**. L-elezzjoni għall-Parlament kienet issir kull tliet (3) snin u setgħu jivvutaw biss irġiel fuq 21 sena. L-elezzjonijiet li saru taħt din il-Kostituzzjoni ntrebħu minn dawn il-partiti: 1921=PN; 1924=PN; 1927=PK+PL; 1932=PN. Il-Gvernatur kien imexxi l-Kunsill dwar ir-**RESERVED MATTERS** li kienu jolqtu d-difiża, il-portijiet, l-ajruporti, iċ-ċittadinanza u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra. Fuq ir-*reserved matters* il-Gvern Malti ma kellu ebda setgħa. Din il-Kostituzzjoni kienet tneħħiet mill-Gvern Ingliż minħabba l-Kwistjoni tal-Lingwa.

## 6. Kostituzzjoni 1947:

Din il-kostituzzjoni, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, tixbaħ lil dik ta' l-1921 fit-tqassim tagħha u fir-*Reserved Matters*. F'din il-kostituzzjoni tneħħa s-**Senat** biex Malta kellha Kamra tar-Rappreżentanti biss. **Għall-ewwel darba setgħu jivvutaw in-nisa**. L-elezzjonijiet taħt din il-Kostituzzjoni ntrebħu minn dawn il-partiti: 1947=LP; 1950=PN+MWP; 1951=PN+MWP; 1953=PN+MWP; 1955=MLP. Din il-Kostituzzjoni kient tneħħiet minħabba li l-Gvern Ingliż u l-Gvern Malti ma kinux qablu dwar l-**Integration** (għaqda sħiħa) ta' Malta ma' l-Ingilterra. Minħabba f'hekk il-Gvern Malti kien irriżenja u l-poter reġa' għadda f' idejn il-Gvernatur.

## 7. KOSTITUZZJONI 1964: (ara ritratt)



*Ġorġ Borġ Olivier, Prim Ministru ta' Malta jidher ixejjer il-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza miksuba mill-Ingilterra fl-1964.*

Magħrufa bħala il-**Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza**. Il-Gvern Malti kien magħżul mill-poplu f' elezzjoni ġenerali kull 4 snin. L-iktar persuna importanti fil-Gvern kien il-Prim Ministru li jintgħażel minn dak il-partit li jirbaħ l-elezzjoni. Il-Prim Ministru jaħtar il-ministri tal-Kabinett. Il-Kap simboliku ta' l-istat ta' Malta kienet ir-**Reġina ta' l-Ingilterra**, iżda din kellha rappreżentant tagħha f' Malta li kien il-**Gvernatur Ġenerali**. B'din il-kostituzzjoni Malta saret **Monarkija fil-Commonwealth Ingliż.** L-elezzjonijiet li saru taħt din il-Kostituzzjoni ntrebħu hekk: 1966=PN; 1971=MLP.

## 8. KOSTITUZZJONI tar-REPUBBLIKA 1974:

| | |
|---|---|
|  | *Malta dikjarata bħala Repubblika fl-1974. Jidher l-ewwel President Malti Sir Anthony Mamo u l-Prim Ministru Dom Mintoff.* Ritratt fil-gallarija tal-Palazz il-Belt. |

Il-Kostituzzjoni ta' l-1964 kienu sarulha tibdiliet żgħar fl-1974 bi qbil bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni biex saret il-**Kostituzzjoni tar-Repubblika**. Malta saret Repubblika, il-Kap ta' l-Istat sar President flok il-Gvernatur Ġenerali u r-Reġina ta' l-Ingilterra spiċċatilha kull setgħa f' Malta . Il-President tar-Repubblika irid ikun ċittadin Malti, elett mill-Parlament għal 5 snin biss. Din il-Kostituzzjoni, ħlief għal xi tibdil żgħir, għadha sal-lum il-liġi suprema ta' Malta . Biex jinbidlu xi partijiet minnha jrid ikun hemm vot ta' mhux inqas minn **żewġ terzi** (2/3) tal-membri tal-Parlament (Gvern u Oppożizzjoni) flimkien. Emmenda importanti f' din il-Kostituzzjoni kienet saret fl-1987 meta Malta kienet iddikjarata bħala **stat newtrali**. Il-Partit politiku li jġib 50% + 1 tal-voti fl-ewwel għadd, jingħata biżżejjed siġġijiet fil-Parlament biex jiggverna. L-elezzjonijiet ġenerali li saru taħt din il-Kostituzzjoni ntrebħu hekk: 1976=MLP; 1981=MLP; 1987=PN; 1992=PN; 1996=MLP; 1998=PN.

## F4 - Malta fi Żmien l-Ingliżi - tagħrif fuq riċerka ta' Frank Testa

### Żvilupp tan-Nazzjon Malti 1800 - 1849




**IT-TLUQ TAL-FRANĊIŻI:** Meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi assedjawhom għal xi tliet xhur ġewwa l-belt Valletta . Il-kapijiet tal-Maltin

malajr indunaw li ma setgħux iżommu 'l-Franċiżi fil-Belt mingħajr l-għajnuna ta' xi ħadd u b'hekk għamlu kuntatt mal-flotta Ingliża ta' l-ammiral Nelson li kienet għadha kif għelbet lill flotta Franċiża fil-bajja ta' Aboukir fl-Eġittu. Nelson bagħat Malta lil Sir Alexander Ball, wieħed mill-eqreb kollaboraturi li kellu. Ball ħa t-tmexxija ta' l-imblokk taħt idejh. Ball ħa taħt idejh l-amministrazzjoni ċivili tal-Gżira. Matul dan iż-żmien Ball sar maħbub ħafna mill-Maltin u bdew iqisuh il-mexxej naturali tagħhom.




Peress illi Ball beda jieħu ħsieb it-tmexxija ta' Malta , l-imblokk tal-Franċiżi waqa' taħt idejn il-ġeneral Pigot. Dan ma tantx kien popolari mal-Maltin għaliex qabad u ffirma l-kapitulazzjoni tal-Franċiżi waħdu mingħajr ma daħħal lil Ball u lil Maltin; qisu l-Franċiżi tkeċċew minn Malta bis-saħħa ta' l-Ingliżi biss. Ball ma ħax pjaċir b'dan u ippretenda li l-Maltin ikollhom sehem fl-iffirmar tal-kapitulazzjoni tal-Franċiżi.  Ball kien sar ħabib kbir tal-Maltin u jiġġieled għall-interessi tagħhom. Dan ma tantx għoġob lill-Ingliżi u dan ġie mneħħi minn Malta u postu ħadu l-ġenerali Pigot. Ta' min jgħid li l-Maltin ma nsew qatt lill-Kaptan Ball għax wara mewtu tellgħulu monument li jinsab fil-Barrakka t'isfel.

**Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-Maltin:** Meta l-Franċiżi ħallew Malta , pajjiżna daħal f'inċertezza kbira għaliex il-Maltin bdew jistaqsu x'kien ser isir minn Malta . Missierijietna urew ix-xewqa li Malta tibqa' taħt il-ħakma Ingliża. Il-Maltin riedu lill-Ingliżi għaliex kienu jaħsbu li dawn kienu ħa jagħtuhom garanzija li Malta tkun nazzjon immexxi mill-Maltin. Il-mexxejja tal-Maltin irraġunaw li la darba kienu huma li keċċew lill-Franċiżi kellhom id-dritt li jmexxu huma lil Malta . Sfortunatament ħadd ma ta' widen lill-Maltin għaliex fl-1802 sentejn wara t-tluq tal-Franċiżi minn Malta ġie ffirmat it-trattat ta' **Paċi ta' Amiens** bejn l-Ingliżi u Franċiżi u skond dan il-ftehim Malta kellha terġa' tmur taħt il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

L-iffirmar tal-Paċi ta' Amiens ġab għadab kbir fost il-Maltin u f'Lulju ta' l-1802 huma ħarġu d-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-poplu Malti fejn saħqu li l-poplu Malti kellu jedd jagħżel hu min imexxih kif ukoll jedd li jkollu sehem fit-texxija ta' pajjiżu. Din id-dikjarazzjoni hija importanti ħafna għaliex huwa l-ewwel eżempju ta' l-inkwiet politiku bejn il-Maltin u l-Ingliżi. Min-naħa tal-Maltin dawn dejjem saħqu ma' l-Ingliżi għad-dritt li jkollhom sehem dirett fit-tmexxija ta' Malta xi ħaġa li l-Ingliżi għal bosta snin ċaħħdulhom. L-Ingliżi ma ridux li l-Maltin ikollhom sehem fit-tmexxija tal-gżira għaliex għalihom Malta kienet fortizza militari u l-uffiċċjali għolja militari Ingliżi kienu

kontra li l-Maltin ikollhom sehem mit-tmexxija għaliex dan kien imur kontra l-interessi militari Ingliżi mhux f'Malta biss iżda fir-reġjun tal-Mediterran. Il-Maltin kienu poplu żgħir u ħadd ma ta kas din id-dikjarazzjoni tad-drittijiet; tant hu hekk li meta delegazzjoni ta' Maltin marret tippreżenta d-dikjarazzjoni lir-Re dan l-anqas ried jiltaqa' magħhom.




**IS-SIWI TA' MALTA GĦALL-INGLIŻI**: It-trattat ta' paċi ta' Amiens bejn l-Ingliżi u l-Franċiżi qatt ma ġie fis-seħħ għaliex iż-żewġ naħat reġgħu daħlu fi gwerra għaliex l-Ingliżi biddlu fehmithom u ma ridux jitilqu lil Malta minn taħt idejhom. Huma indunaw li Malta kienet post strateġiku importanti fil-Mediterran. Malta bdiet isservi bħala ċentru ta' informazzjoni u fiha bdiet tasal korrispondenza minn uffiċjali Ingliżi fl-Eġittu u pajjiżi oħra fl-Afrika ta' fuq li riedu jagħmlu kuntatt ma' l-Ingilterra. Barra li kienet bażi tajba minn fejn l-Ingliżi setgħu jgħassu l-movimenti tal-Franċiżi fil-Mediterran. Bastimenti Ingliżi setgħu jieqfu Malta għat-tiswijja u l-baħrin setgħu jiġu għall-mistrieħ. Minn Malta l-Ingliżi bdew jibagħtu provvisti ta' ikel u materjal ieħor lill-armati Ingliżi li kienu qed jitqabdu mal-Franċiżi fl-Eġittu u Sqallija.

Malta kienet importanti fil-kummerċ Ingliż. Bastimenti merkantili mil-Lvant Imbiegħed u l-Indja fir-rotta tagħhom lejn l-Ingilterra issa kellhom post fil-Mediterran fejn setgħu jaħżnu l-merkanzija tagħhom u Malta saret ċentru ta' trasboard. Il-preżenza tan-Navy Ingliża kienet toffri wkoll protezzjoni għall-bastimenti merkantili Ingliżi. Barra dan Malta kellha l-akbar Lazzarett fil-Mediterran li kien sptar tal-kwarantina  għall-vjaġġaturi fil-Mediterran li kien ideali biex iżomm it-tixrid ta' xi pesta u mard infettiv ieħor. Min kien ikun ġej mill-Lvant  kien jgħaddi l-erbgħin ġurnata fil-Lazzarett ta' Malta u wara seta'   imur fejn irid fl-Ewropa.

Meta Napuljun ħa taħt idejh l-Ewropa għalaq il-portijiet kollha tal-kontinent għall-bastimenti merkantili Ingliżi. F'dan Iż-żmien Malta saret ċentru ta' kuntrabandu ta' merkanzija Ingliża lejn l-Ewropa. Fl-istess ħin l-Ingliżi imblokkaw l-portijiet kollha ta' l-Erwopa u biex bastiment fil-Mediterran seta' jidħol f'xi port fl-Ewropa ried liċenzja mill-Ingliżi li kienet tingħata Malta biss. Dan kien żmien ta' ġid kbir għal Malta.

**IL-KUMMISSJONI TA' 1812:** Minkejja din il-prosperita`  kien hemm numru ta' Maltin ta' klassi għolja u professjonisti u l-kleru li ma kinux kuntenti bis-sitwazzjoni u

saħqu mal-gvern Ingliż biex il-Maltin ikollhom sehem fit-tmexxija tal-gżira billi jkollhom l-opportunita` li jiffurmaw il-**Consiglio Popolare**, speċi ta' Parlament Malti. Fl-1811 il-Maltin bagħtu petizzjoni lir-Re George III biex dan jagħti lill-Maltin dawk id-drittijiet li jmexxu lilhom infushom kif kellhom qabel il-miġja tal-Kavallieri. Ir-re iddeċieda li jibgħat Kummissjoni Rjali biex tinvestiga l-qagħda f'Malta u tagħti l-pariri tagħha. Il-Kummissjoni waslet Malta fl-1812 u stħarrġet dawn l-aspetti tal-ħajja Maltija:

- *L-industrija u l-kummerċ*
- *il-Biedja*
- *il-Knisja*
- *X'riedu l-politikanti Maltin*

Ir-rapport finali tal-Kummissjoni kien wieħed dettaljat ħafna. Ingħatat stampa tal-qagħda ta' Malta fl-ewwel għaxar snin tas-seklu dsatax. Fost affarijiet oħra l-Kummissjoni ikkonkuldiet:

- *It-tgergir kontra l-ħakma Ingliża kien ġej minn ftit nies ta' klassi għolja għax il-poplu in ġenerali kien kunten*
- *F'Malta kien hemm ħafna prosperita`*
- *Il-Knisja kellha poter kbir*
- *Il-Consiglio Popolare qatt ma kellu poteri ta' tmexxija.*
- *Il-poplu ma kienx interessat fil-politika u ried biss xogħol*
- *Malta kellha ssir kolonja Ingliża bi Gvernatur li jekk ried seta' jaħtar Kumitat ta' Maltin biex jgħinuh imexxi.*




1813 Malta ssir kolonja Ngliza: Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Rjali, fl-1813 Malta saret kolonja Ngliża. L-ewwel Gvernatur li nħatar kien Sir Thomas Maitland. Meta dan wasal Malta , pajjżna kien maħkum mill-pesta. Maitland kien amministratur ta' ħila u bil-miżuri li ħa ikkontrolla t-tixrid tal-pesta. Hu nieda riformi biex Malta titmexxa aħjar u beda jdaħħal il-lingwa Ingliża fix-xogħol tal-Gvern. Hu ma kienx popolari mal-mexxeja Maltin għaliex qatt ma talab l-għajnuna tagħhom għax kien imexxi b'metodi diretti. Fil-fatt il-Maltin

laqqmuh **King Tom**.

**1835: L-EWWEL KOSTITUZJONI:** Il-politikanti Maltin ma ħadux gost b'din il-qagħda u komplew jisħqu ma' l-Ingliżi għal sehem fit-tmexxija ta' Malta . Għall-ħabta ta' l-1830 Camillo Sciberras flimkien ma George Mitrovich iffurmaw i**l-Comitato Generale Maltese** biex jaħdem favur id-drittijiet politiċi tal-Maltin. George Mitrovich mar Londra u meta kien hemm xandar żewġ ittri fejn spejga t-talbiet tal-Maltin l-aktar waħda importanti kienet **The Claims of the Maltese people.** Bl-għajnuna ta' William Ewart u Parlamentari Ingliżi oħra l-kas ta' Malta tqanqal quddiem il-Parlament Ingliż. Bis-saħħa ta' hekk fl-1836 is-Segretarju tal-Kolonji ħabbar li kien ser jibgħat f' Malta **KUMMISSJONI RJALI** (magħmula minn żewġ esperti Ngliżi) biex tifli l-problemi li kien hawn fil-gżejjer u kif setgħu jitranġaw. Fuq ir-rapport ta' din il-Kummissjoni l-gvern Ingliż iddeċieda li jagħti għall-ewwel darba kostituzzjoni lil Malta . L-aktar punti importanti tagħha kienu:

- *Jiġi ffurmat Kunsill ta' Gvern magħmul mill-Gvernatur, erba' uffiċjali ffurmati minnu u żewġ rappreżentanti minn negozjanti Maltin u żewġ rappreżentanti minn negozjanti Ingliżi.*
- *Il-poter ta' dan il-Kunsill tal-Gvern kien wieħed konsultattiv jiġifieri li jagħti biss pariri lill-Gvernatur.*
- *Il-poter ta' tmexxija kien f'idejn il-Gvernatur.*

Din il-kostituzzjoni ma għoġbot xejn lill-Maltin u Mitrovich ġewwa Londra stqarr li din kienet tmur kontra x-xewqat tal-Maltin. Mgħejjun minn Ewart Mitrovich ippreżenta petizzjoni fil-Parlament Ingliż iffirmata minn 'il fuq minn elfejn Malti fejn il-Maltin ilmentaw li:

- *Fil-gvern ma kienx hemm rappreżentanti Maltin.*
- *F'Malta ma kienx hawn liberta` ta' l-istampa.*
- *Maltin ma tħallewx jieħdu karigi għolja fis-servizz ċivili.*
- *L-edukazzjoni kienet f'qagħda ħażina.*
- *Kien hemm konfużjoni fil-liġijiet.*




Dawn l-ilmenti tal-Maltin ġiegħlu lill-

Gvern Ingliż jibgħat Kummissjoni Rjali oħra biex tinvestiga l-qagħda ta' Malta . Din kienet il-Kummssjoni Austin Lewis. Kien hemm ħafna stennija għal din il-Kummissjoni u ħafna ħasbu li din kienet ħa tirrakomanda aktar drittijiet politiċi għall-Maltin. Minn dan ma sar xejn u l-unika ħaġa ta' siwi li ħarġet minn din il-Kummissjoni kienu li f'Malta għall-ewwel darba daħlet il-liberta` ta' l-istampa. Barra minn hekk il-mara tal-Kummissarju Austin għamlet rapport dwar il-qagħda soċjali tal-Maltin u żvelat il-faqar kbir li kienu jgħixu fih il-Maltin, u tat ħjiel tal-ftit skejjel li kien hawn għat-tfal tal-poplu Malti

**IL-KOSTITUZZJONI TA' L-1849:** Il-Maltin baqgħu jagħfsu lill-Ingliżi biex jagħuhom sehem fit-tmexxija ta' Malta iżda l-Ingliżi ma ridux jafu. Din




is-sitwazzjoni għarrqet ħafna r-relazzjonjiet bejn il-Maltin u l-Ingliżi. Fl-1846 Earl Grey laħaq Ministru tal-gwerra u tal-kolonji. Hekk kif sar Ministru Grey talab rapport dwar il-qagħda tal-kolonji fl-Imperu Ingliż. Ir-rapport dwar Malta xejn ma kien sabiħ għaliex Grey ġie nfurat li l-Maltin kienu qed iduru kontra l-Ingliżi għaliex riedu sehem fit-tmexxija tal-gżira. Ir-rapport wissa lill-Ministru li jekk l-affarijiet jibqgħu hekk, setgħet tinqala' xi rewwixta. Biex jikklama l-affarijiet Earl Grey ħatar lil **Richard More O'Farrell** bħala Gvernatur. Il-ħatra ta' O'Farrell għoġbot lill-Maltin l-ewwel net għaliex dan kien l-ewwel Gvernatur ċivili li qatt kellha Malta għaliex l-oħrajn kienu kollha nies militari u fuq kollox O'Farrell kien ukoll Kattoliku.

O'Farrell mill-ewwel beda tajjeb mal-Maltin u fehem sew x'riedu. Hu informa lill-Gvern Ingliż li l-Maltin riedu biss li jamministraw l-affarijiet ta' Malta (speċi ta' Kunsill Lokali) u ma kinux se jindaħħlu fl-interessi Ingliżi ġewwa Malta . Wara ħafna xogħol min-naħa ta' O'Farrell, il-Gvern Ingliż iddeċieda li jagħti Kostituzzjoni lill-Maltin li kienet ftit aħjar minn dik ta' l-1835. Din il-Kostituzzjoni waslet fl-1949 u kellha dawn il-punti importanti:

- *Kunsill tal-Gvern magħmul minn 18-il membru.*

- *10 membri uffiċjali tal-Kunsil tal-Gvern 5 Maltin u 5 Ingliżi maħtura mill-Gvernatur.*
- *8 membri tal-Kunsill tal-Gvern jinħatru mill-Maltin f'elezzjoni ġenerali.*
- *Kienu se jinħolqu 3 kumitati ta' ħames membri kull wieħed li kienu jieħdu ħsieb il-karita`, l-Universita` u l-Edukazzjoni.*

Il-Kunsill tal-Gvern kellu dawn il-poteri.

- *Jistħarreġ l-infiq tal-Gvern.*
- *Jisma' l-ilmenti tal-poplu.*
- *Jirrapporta abbużi.*
- *Jagħti pariri lil Gvernatur*
- *Seta' jappella direttament lill-Gvern Ingliż.*




Il-Kunsill tal-Gvern ma kellu l-ebda poter fis-servizz ċivili, qrati u puluzija. Barra dan affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' affarijiet ta' relġjon u knisja kellhom jiġu diskussi biss bil-permess tal-Gvernatur. Dan kollu ma kienx kif xtaqu l-Maltin għaliex il-poter kollu baqa' f'idejn il-Gvern Ingliż. L-uniku pass 'il-quddiem kien il-fatt li l-Maltin kienu għall-ewwel darba kienu se jivvotaw għar-rappreżentanti tagħhom fil-Kunsill tal- Gvern. Fil-fatt l-ewwel elezzjoni ġenerali f'Malta saru f'Awissu ta' 1849. Għal din l-ewwel elezzjoni ġenerali setgħu jivvutaw biss irġiel li kienu professjonisti, kleru, u dawk li kellhom art jew dar, dawk li jaqilgħu Lm9 fis-sena jew kienu jħallsu Lm4.50 kera fis-sena. Dan kien ifisser li 3.5% biss tal-poplu kellhom id-dritt għall-vot.

Din il-kostituzzjoni ħadmet għaliex O'Farrell dejjem mexxa bl-għajnuna tal-Maltin u qatt ma uża' l-maġġoranza uffiċjali biex imexxi. Kieku O'Farrell għamel hekk il-Kunsill tal-Gvern kien ikun bla effett. Bis-saħħa tal-kooperazzjoni bejn il-Gvernatur u l-Kunsill tal-Gvern sar xogħol ta' siwi għal Malta fosthom regoli dwar kundizzjonjiet sanitarji f'ibliet u rħula.



*Il-Lazzarett: mibni mill-Kavallieri fuq il-gżira Manoel; użat mill-Ingliżi għal dawk morda b'mard infettiv.*



*Xena fit-Tarzna ta' Malta , għall-bidu tal-Ħakma Ngliża fuq il-Gżejjer Maltin.*